DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1878

tal-25 ta' Ottubru 2021

dwar id-dežinjazzjoni tar-Reġistru tad-dominju tal-ogħla livell .eu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/517 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-isem ta' dominju tal-ogħla livell.eu u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 733/2002 u jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2004 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1083 tal-14 ta' Mejju 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/517 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla u l-proċedura għall-ħatra tar-Reġistru tal-isem tad-dominju tal-ogħla livell .eu, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) tiegħu ([2]),

Billi:

(1) Il-Kummissjoni għandha tiddeżinja r-Reġistru fdat bl-organizzazzjoni, l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tad-dominju tal-ogħla livell .eu abbażi ta' proċedura tal-għażla miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja. Il-proċedura tal-għażla trid torganizzaha l-Kummissjoni f'żewġ fażijiet, u l-Kummissjoni l-ewwel trid tivvaluta l-eliġibbiltà tal-applikanti u mbagħad tistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-applikanti eliġibbli abbażi tal-kriterji tal-għażla definiti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/1083.

(2) Il-kuntratt attwali għall-organizzazzjoni, l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tad-dominju tal-ogħla livell .eu bejn il-Kummissjoni u r-Reġistru ġie ffirmat fl-10 ta' Ottubru 2014 għal terminu ta' ħames snin u mbagħad ġie estiż fl-2019 għal tliet snin oħra. Se jiskadi fit-12 ta' Ottubru 2022.

(3) Fl-1 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ppubblikat sejħa f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għall-għażla tar-Reġistru tad-dominju tal-ogħla livell .eu (2021-026011) u stiednet applikazzjonijiet mingħand organizzazzjonijiet li jixtiequ jiġu fdati bl-organizzazzjoni, il-ġestjoni u l-amministrazzjoni tad-dominju tal-ogħla livell .eu.

(4) Is-sejħa għalqet fit-18 ta' Mejju 2021 u waslu ħames applikazzjonijiet.

(5) Fl-ewwel fażi tal-proċedura tal-għażla, il-Kummissjoni vvalutat in-nuqqas ta' kriterji ta' esklużjoni u jekk l-applikanti jissodisfawx il-kriterji tal-eliġibbiltà. Erba' applikazzjonijiet instabu eliġibbli. Fid-9 ta' Lulju 2021 ġiet ippubblikata l-lista tal-applikanti eliġibbli u l-Kummissjoni informat lil kull applikant bir-riżultati tal-ewwel fażi tal-proċedura.

(6) Fit-tieni fażi tal-proċedura, il-Kummissjoni vvalutat l-applikanti eliġibbli u stabbiliet klassifikazzjoni abbażi tal-kriterji tal-għażla. Il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjonijiet u stabbiliet tabella bil-marki individwali ta' kull applikazzjoni. Il-kwalità tal-applikazzjonijiet ġiet evalwata f'konformità mat-Taqsima 3.2 tas-sejħa, skont il-kwalità tas-servizz propost, il-livell adegwat tar-riżorsi umani u tekniċi proposti biex jitwettqu l-kompiti tar-Reġistru, u l-pożizzjoni finanzjarja u ta' konformità proposta biex jitwettqu l-kompiti tar-Reġistru. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll assistenza fl-analiżi tal-applikazzjonijiet minn esperti indipendenti esterni.

([1]) ĠU L 91, 29.3.2019, p. 25.
([2]) ĠU L 239, 24.7.2020, p. 1.

(7) Il-Kummissjoni stabbiliet il-klassifikazzjoni tal-applikanti. L-ewwel applikant klassifikat, ir-Reġistru Ewropew tad-Dominji tal-Internet (EURid), jenħtieġ li jiġi ddeżinjat bħala r-Reġistru tad-dominju tal-ogħla livell .eu li jmiss u jiġi mistieden jidħol f'negozjati biex jiffirma l-kuntratt skont is-sejħa għall-għażla. Dan il-kuntratt irid jitmexxa mill-prinċipji stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/857 ([3]).

(8) F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1083, meta n-negozjati kuntrattwali bejn il-kandidat magħżul u l-Awtorità Kontraenti jiġu tterminati mingħajr il-konklużjoni ta' kuntratt, il-Kummissjoni se tiddeżinja lill-applikant li jkun imiss bħala r-Reġistru,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Reġistru Ewropew tad-Dominji tal-Internet (EURid) għandu jkun ir-Reġistru tad-dominju tal-ogħla livell .eu fdat bl-organizzazzjoni, il-ġestjoni u l-amministrazzjoni tad-dominju tal-ogħla livell .eu skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2019/517 u soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2.

Artikolu 2

Ir-Reġistru Ewropew tad-Dominji tal-Internet (EURid) għandu jiġi mistieden jagħmel kuntratt biex jispeċifika l-kundizzjonijiet li skonthom il-Kummissjoni tissorvelja kif ir-Reġistru qed jorganizza, jamministra u jimmaniġġja d-Dominju tal-ogħla livell .eu, f'konformità mal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) 2019/517.

Jekk in-negozjati tal-kuntratt bejn ir-Reġistru Ewropew tad-Dominji tal-Internet (EURid) u l-Kummissjoni jintemmu mingħajr il-konklużjoni ta' kuntratt, l-applikant li jkun imiss għandu jinħatar bħala r-Reġistru, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/1083.

Il-kuntratt tal-konċessjoni tas-servizz għandu jkollu perjodu inizjali ta' ħames snin u jista' jiġi estiż darba għal perjodu addizzjonali sa ħames snin.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/207/UE ([4]) hija mħassra.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/857 tas-17 ta' Ġunju 2020 li jistabbilixxi l-prinċipji li għandhom jiġu inklużi fil-kuntratt bejn il-Kummissjoni Ewropea u r-Reġistru tad-dominju tal-ogħla livell .eu skont ir-Regolament (UE) 2019/517 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 195, 19.6.2020, p. 52).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/207/UE tal-11 ta' April 2014 dwar il-ħatra tar-Reġistru tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu (ĠU L 109, 12.4.2014, p. 41).